**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 05/09 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 25/06/2009 fis-06.20pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti mis-6.30pm |
| Camilleri Claude | Assenti minħabba xogħol |
| Darmanin Richard | Preżenti mis-6.40pm |
| Fenech Stephanie | Preżenti sas-6.30pm |
| Hales Joseph | Preżenti |
| Pace Darrell | Preżenti mis-6.30pm |
| Seychell Anthony | Preżenti |
| Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**05. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Wille Piscopo | **Il-Minuti 04/09 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 04.6.16 | minflok il-kelma Viċi-Sindku jidħol il-kunjom Seychell. | | |
| 05. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**05. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 1 | 04.2.1 | Fenech: Attivita ta' qabel il-festa | Fenech staqsiet kif saret attivita' oħra flok Waslet il-Festa. Is-Sindku spjega li min ikun responsabbli minn attivita' li tkun ġiet stabilita fil-kalendarju u f'dan il-kaz partikolari attivita' ewlenija għal-lokal u għal xi raġuni jew oħra jiddikjara li mhux ħa jagħmilha, l-attivita' issir xorta waħda u jkun responsabbli mill-attivita' is-Sindku. F'dan il-każ l-attivita saret bl-għajnuna tas-sotto kumitat tal-komunita' u għal li ġej tibqa' hekk. Aktar tard il-Viċi-Sindku tat rapport ta' l-attivita' li kienet ta' livell tajjeb ħafna. | Sindku |
| 05. 2. 2 | 04.2.3 | Wille Piscopo: Double Line Newwes Garage | Wille Piscopo staqsiet jekk kienx hemm xi problemi oħra dwar id-double yellow line quddiem Newwes Garage fi Triq l-Arċipriet Degabriele. Is-Sindku qal li għalkemm inħolqu xi problemi, issa jidher li l-problema issolviet. | |
| 05. 2. 3 | 04.2.6 | Pace: Olive Oil Museum | Pace kellem lis-Sur Simon Vella Gregory mis-Segretarjat ta' Clyde Puli dwar l-applikazzjoni tal-Mużew taż-Żejt. Pace spjega li l-problema eżistenti hi skond Vella Gregory li l-Kunsill m'għandux titlu fuq dik l-art. Pace issuġerixxa li l-Kunsill għandu jkellem lill-Onor. Chris Said. Is-Sindku qal ukoll li bħalissa qed nistennew data u ħin għal-laqgħa ma' Ms M. Sciberras. | |
| 05. 2. 4 | 04.2.12 | Hales: Tabelli fi Ġnien iż-Żgħożija | **Il-Kunsill qabel nem.con li jitwaħħlu tabelli sabiex tfal taħt l-eta' jattendu ma' persuna adulta (ġenitur/guardian).** | Hales |
| 05. 2. 5 | 04.2.16 | Viċi-Sindku: Uffiċċju Distrettwali tas-Sigurta' Soċjali | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk intbagħtitx il-korrispondenza dwar is-sitwazzjoni ta' l-uffiċċju distrettwali tas-sigurta' soċjali. Ir-risposta kienet fil-pożittiv iżda ma ngħatatx risposta. | Segretarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2. | 6 | 04.2.19 | Viċi-Sindku: Tqassim ta' Flyers | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-flyers ma tqassmux f'diversi toroq. Ghaldaqstant ġie deċiż li għal sena oħra jitqassmu direttament mill-Kunsill. | |
| 05. | 2. | 7 | 04.3.2 | Viċi-Sindku: Klassijiet ta' l-Aerobics | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk bdewx il-klassijiet ta' l-aerobics u jekk hemmx xi deadline. Is-Sindku wieġeb li rridu nistaqsu lil Fenech dwar din l-informazzjoni. | Fenech |
| 05. | 2. | 8 | 04.6.4 | Viċi-Sindku: Proġett 'Arti Żagħżugħa' | Il-Viċi-Sindku staqsiet kemm ingħataw flus dwar il-proġett 'Arti Żagħżugħa'. Is-Segretarjat għandu jiċċekja iċ-ċifra eżatta. | Segretarjat |
| 05. | 2. | 9 | 04.6.5 | Viċi-Sindku: TCTC & Mcast (Laqgħat) | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser ikunu l-laqgħat ta' TCTC u Mcast. Il-laqgħat tat-TCTC ser issir fis-27 ta' Ġunju filwaqt li s-sezzjoni ta' informazzjoni ser issir l-Erbgha, 1 ta' Lulju fis-6pm. | Camilleri Fenech |
| 05. | 2. | 10 | 04.6.9 | Seychell: Klassi Ġnien San Girgor | Seychell staqsa jekk tranġatx il-ħsara fil-fan tal-klassi fi Ġnien San Girgor. Is-Sindku qal li ser jinxtara fan ieħor. Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir it-tindif fil-klassi wara kull attivita'. Is-Segretarjat ser jieħu ħsieb jikkuntattja lill-cleaner. | Sindku |
| 05. | 2. | 11 | 04.6.10 | Seychell: Lejla Poezija | Seychell ta rapport tal-lejla poezija li saret fit-12 ta' Ġunju li kienet ta' livell għoli u li għaliha kien hemm attendenza numeruża. Irringrazzja lis-Sindku ta' l-attendenza tiegħu kif ukoll ta' l-indirizz li ta lil dawk preżenti. | Seychell |
| 05. | 2. | 12 | 04.6.11 | Seychell: Arbli Temporanji | Seychell staqsa jekk inkitbitx ittra lill-Enemalta dwar żewġ arbli tad-dawl temporanji fi Triq id-Duluri k/m Triq Dun Spir Grixti. Ir-risposta kienet fil-pożittiv u ser terġa tintbagħat reminder. | Segretarjat |
| 05. | 2. | 13 | 04.6.15 | Hales: Ħaxix Ħażin | Hales ta spjegazzjoni lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni ta' ħaxix ħażin madwar il-lokalita'. | Hales |
| 05. | 2. | 14 | 04.6.16 | Seychell: Zebra Crossing | Seychell talab sabiex issir talba lill-adt għall-approvazzjoni ta' zebra crossing fi Triq ir-Ramla ħdejn il-ħwienet. Il-Kunsill laqa' din it-talba. | Segretarjat |
| 05. | 2. | 15 | 04.6.24 | Viċi-Sindku: Applikazzjoni għall-Aċċessibilita' | Il-Viċi-Sindku staqsiet fhiex waslet l-applikazzjoni għall-aċċessibilta'. Is-Sindku wieġeb li s'issa ma rċevejniex tweġiba. | Sindku |
| 05. | 2. | 16 | 04.6.28 | Wille Piscopo:Bankina fi Triq Santa Monika | Wille Piscopo ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li quddiem il-fabbrika (garaxx) tal-winner fi Triq Santa Monika ma saritx rampa. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-modifikazzjonijiet neċessarji. | Sindku |

**05. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/09. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 3. | 1 | 01 | MEPA:- PA1874/09 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan is-sit jinsab fil-*village core* u għalhekk għandu jinżamm it-*texture* u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 3. | 2 | 07 | AKL: WIFI | **Il-Kunsill qabel nem.con li japplika għal 2 WIFI spots għal prezz ta' Eur25 kull waħda fix-xahar. Fuq mozzjoni ta' Pace sekondata mill-Viċi-Sindku l-ewwel waħda ssir fi Ġnien Girgor u jekk il-finanzi jippermettu issir oħra f'Misraħ Girgor Bonici.** | |
| 05. | 3. | 3 | 08 | DLG: Ġbir ta' skart organiku | Il-Kunsill ġie infurmat li ħarġu d-dokumenti dwar il-ġbir ta' skart organiku. **Il-Kunsill qabel nem.con fuq il-parir tal-kunsillier inkarigat Hales li s-servizzi kuntrattwali għal tindif ta' toroq mhux urbani kif ukoll iz-zamma ta' ġonna u soft areas għandu jiġu mġedda għal sena oħra.** | |
| 05. | 3. | 4 | 10 | DLG: Seminar għal Wirt Kulturali | Is-Sindku inkariga lil Seychell sabiex jattendi għal seminar dwar il-wirt kulturali u l-att ta' kurazija li ser isir fis-7 ta' Lulju. | |
| 05. | 3. | 5 | 11 | KL M'Xlokk: Impjant ġdid ta' l-Enemalta | Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall-preżentazzjoni dwar l-impjant il-ġdid mill-Enemalta li ser issir għada 26 ta' Ġunju fl-4pm. | |
| 05. | 3. | 6 | 12 | Perit J. Farrugia: Sit f'Misraħ MA Vassalli | **Il-Kunsill qabel li jinqalgħu siġar taż-żebbuġ fuq art privata f'Misraħ Mikiel Anton Vassalli . Hales spjega li possibilment il-qlugħ tas-siġar isir f'Jannar.** | |
| 05. | 3. | 7 | 16 | MEUSAC: Opportunitajiet ta' fondi | Is-Sindku ta rapport tal-laqgħa li saret mal-MEUSAC dwar l-opportunitajiet ta' fondi li jista' jkollu ż-Żejtun filwaqt li qed titkompla l-ħidma koordinattiva min-naħa tal-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. | |
| 05. | 3. | 8 | 17 | UOM: Skavi fis-Sit Liceo Carlo Diacono | Il-Kunsill ġie infurmat li bdew l-iskavi ta' kull sajf fuq is-sit fil-Liceo Carlo Diacono. Il-Kunsill ser jagħmel żjara lis-sit b'mod kollettiv bejn it-Tlieta 30 ta' Ġunju u l-Ħamis 2 ta' Lulju | |
| 05. | 3. | 9 | 18 | Istitut Paolo Frere: Attvitia' 28 ta' Awwissu | Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni sabiex l-Istitut Paolo Frere itella' talent show fi Ġnien San Girgor fit-28 ta' Awwissu. | |
| 05. | 3. | 10 | | Jonathan Attard: Triq Ħal Tarxien | Dwar il-ħsarat li jeżistu fil-wiċċ ta' Triq Ħal Tarxien is-Sindku spjega li l-Kunsill ilu 3 xhur jitlob lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex jagħmel xogħol ta' patching f'din it-triq. L-aħħar tweġiba kienet li x-xogħol ser jibda mmedjatament. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **05.** | **4.** | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 4. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 05. | 4. | 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/09 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 05/09 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 05. | 4. | 2 i | | Dwar l-attivita' "Il-Festa Magħna…" ġie deċiż li l-ispejjeż ma jitnaqqsux mill-fondi tas-sotto kumitat tal-familja. | | |
| 05. | 4. | 2 ii | 74 | L-isem irid jaqra Walter Micallef mhux Zahra. | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 4. | 2 | iii | | **Il-Kunsill approva wkoll kont ta' Nexos Street Lighting għal xogħol ta' l-elettriku li sar fuq is-sistema ta' drip irrigation f'Ġebel San Martin u Ġnien San Girgor għall-prezz ta' Eur413, kif ukoll xogħol ta' manutenzjoni.** | Segretarjat |
| 05. | 4. | 2 | iv | | **Il-Kunsill approva wkoll il-ħlas ta' Eur58.23 lill-għaqdiet lokali li fihom jagħmel reklam ta' awguri tal-festa.** | |
| 05. | 4. | 3 | | Talbiet għal Xiri 05/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**05. 5. Laqgħa ma' Chris Said - 3 ta' Lulju 2009**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 5. | 1 | | Sindku: Agenda | Il-Kunsill qabel li għal-laqgħa li ser issir ma' l-Onor Chris Said imur b'din l-agenda: Il-Mużew taż-Żejt, Il-Ground taż-Żejtun Corinthians, Devoluzzjoni tas-Suq, Reġjuni, Child Day Care Centre, Allowance tal-Kunsilliera. | |

**05. 6. Applikazzjoni tal-Mepa - Olive Oil Musuem**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 6. | 1 | | Sindku: Laqgħa | Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu qed jistenna data u ħin għal-laqgħa mad-Direttriċi ta' l-Edukazzjoni Ms Michelin Sciberras. | |

**05. 7. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 7. | 1 | | Għal din il-laqgħa ma ġewx preżentati mozzjonijiet. | | |

**05. 8. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 8. | 1 | | Sindku: Rapporti Finanzjarji | Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li kull min itella' attivita' għandu l-obbligu li jipprovdi rapport dettaljat tad-dħul u l-ħruġ. Dan qed isir għal raġunijiet ta' awditjar. | Sindku |
| 05. | 8. | 2 | | Sindku: Għaqda Mużikali Beland | Is-Sindku poġġa sett ta' prints ta' l-arazzi li jinsabu fil-Palazz fejn kien jiltaqa' l-Parlament, li l-Kunsill ingħata mill-Għaqda Mużikali Beland. Is-Sindku spjega wkoll li l-Għaqda imdejjqa bis-sitwazzjoni peress li qed tintuża biex isiru rimarki fuq il-Kunsill u s-Sindku. Issemmiet l-attivita' "Il-Festa Magħna..." u li din ma baqgħetx issir fuq il-ġenb taz-zuntier tal-knisja minħabba l-ġwiebi u xorok eżistenti taħt iż-żuntier li għandhom iktar minn 300 sena. | Sindku |
| 05. | 8. | 3 | | Sindku: Laqgħa Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku talab sabiex tinkiteb ittra lil youth worker għaliex iż-żgħażagħ mhux jipparteċipaw fl-attivita' Żejt iż-Żejtun. | Sindku |
| 05. | 8. | 4 | | Sindku: Ringrazzjament | Is-Sindku irringrazzja lil Hales għat-tindif li sar qabel u wara l-festa taż-Żejtun. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 8. | 5 | Darmanin:Festa tal-Lokal | Darmanin talab sabiex l-għeluq taċ-Ċentru minħabba ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ma terġax issir daqshekk fit-tul minħabba d-diversi ilmenti li kien hawn fost ir-residenti Żwieten. Darmanin ikkummenta wkoll dwar it-tfiegħ ta' karti li żdied mis-snin ta' qabel. Darmanin talab sabiex issir ittra ta' ringrazzjament lill-Pulizija għax-xogħol li sar waqt il-ġimgħa tal-festa. **Il-Kunsill laqa' din it-talba.** | |
| 05. | 8. | 6 | Seychell: Skips wara l-Knisja Parrokkjali | Seychell ikkumenta dwar l-użu ta' l-iskips li l-iskop tiegħu ma ntlaħaqx peress li n-nies ma użawhomx iżda sar użu mill-kennies. Il-Viċi-Sindku irċeviet suġġeriment sabiex is-sena d-dieħla issir skip ħdejn l-Uffiċċju Postali. | Sindku |
| 05. | 8. | 7 | Hales: Ringrazzjament | Hales talab sabiex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lid-direttur tal-Cleansing Services Dept, F. Zammit Nurseries u Ronald Bezzina - NUR għat-tindif li sar min-naħa tagħhom. **Il-Kunsill laqa' din it-talba.** | Segretarjat |
| 05. | 8. | 8 | Viċi-Sindku: Tappieri fi Triq Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku irrapurtat tappieri neqsin minn Triq il-Madonna tal-Ħniena. | Sindku |
| 05. | 8. | 9 | Viċi-Sindku: Spralli | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk hux ser jingħalqu l-ispralli speċjalment ta' Triq il-Kbira filwaqt li f'isem ir-residenti rrapurtat il-kwantita' ta' ġrieden fl-istess triq minħabba l-petshop. Dwar dan il-Kunsill ser jibgħat korrispondenza lis-Sanita'. | Hales |
| 05. | 8. | 10 | Wille Piscopo: Funtana fi Ġnien San Girgor | Wille Piscopo talbet sabiex isir it-tindif fil-funtana ta' Ġnien San Girgor u kif ukoll issirilha il-manutenzjoni neċessarja. Talbet ukoll sabiex isiru litter bins fi Ġnien tal-Kmandant u Ġnien iż-Żgħożija. **Il-Kunsill laqa' dawn it-talbiet.** | Sindku |
| 05. | 8. | 11 | Hales: Directional Signs | **Il-Kunsill approva diversi directional signs li ser jitwaħħlu madwar il-lokalita'.** | Hales |
| 05. | 8. | 12 | Hales: Żebgħa ta' bankijiet | Hales talab sabiex issir iż-żebgħa tal-bankijiet ta' l-injam ħdejn San Klement filwaqt li Wille Piscopo talbet għal zebgħa ta' bankijiet tal-ħadid fi Ġnien San Girgor. | Sindku |
| 05. | 8. | 13 | Pace: Triq Melchiorre Gafa' | Pace reġa' ġibed l-attenzjoni dwar is-sleeping policeman fi Triq Melchiorre Gafa' kif ukoll dwar inspection manhole mifqugħ quddiem residenza nru 38 fl-istess triq. | Darmanin<br>Sindku |
| 05. | 8. | 14 | Pace: Zebra Crossing | Pace ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar zebra crossing perikoluża fi Triq Sir Paul Boffa peress li qegħda qrib ħafna tar-roundabout fi Triq il-Labour. | Darmanin |
| 05. | 8. | 15 | Seychell: Bozza ġdida | Seychell reġa' qajjem il-każ ta' bozza ġdida fi Triq il-Qalb ta' Ġesu'. Is-Sindku qal li dwar din il-bozza saret applikazzjoni lill-Enemalta. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 8. | 16 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku tat rapport ta' diversi attivitajiet li saru mis-sotto kumitat tal-familja: l-attivita' ta' Jum il-Missier fejn din is-sena żaru l-fabbrika ta' Berger Paints, il-ħdim taż-żejt ġewwa l-Wardija u buffet lunch ġewwa l-Passaparola Restaurant; żjara lill-anzjani f'San Vincenz li bħalissa hemm madwar 45 Żejtuni - 30nisa u 15 irġiel. Il-Viċi-Sindku fakkret lill-Kunsill li għada 26 ta' Ġunju jagħlqu l-applikazzjonijiet tal-korsijiet tat-tfal. | Viċi-Sindku |
| 05. | 8. | 17 | Viċi-Sindku: Sqaqien | Il-Viċi-Sindku talbet lill-Kunsill sabiex Sqaq Ħerba u Sqaq Bonito isirilhom rixtellu. Is-Sindku qal li r-residenti għandhom japplikaw mal-MEPA. | |
| 05. | 8. | 18 | Viċi-Sindku: Roqgħa ta' ilma fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar jekk il-problema ta' roqgħa ta' l-ilma fi Triq id-Daħla ta' San Tumas tistax tissolva. Is-Sindku spjega li dwar din il-problema ġie ikkuntattjat il-Perit Edric Micallef ta' l-ADT iżda hemm problema bil-livelli u l-qlib tat-toroq tal-madwar. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lir-residenti kif ukoll issir laqgħa bil-Perit preżenti. | Sindku |
| 05. | 8. | 19 | Seychell: Social Housing | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fuq art fi Triq Kastellan fejn kellu jinbena għal social housing qed isir żvilupp għal parkeġġ mill-privat. Seychell talab lill-Kunsill sabiex jikteb lill-Awtorita' tad-Djar dwar dan il-każ. **Il-Kunsill laqa' din it-talba.** | Segretarjat |
| 05. | 8. | 20 | Sindku: Rumble Strips fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar inċident ta' mutur fit-Triq tar-Ramla fejn kien hemm ir-rumble strips. It-triq ġiet irranġata u tneħħew ir-rumble strips. | Sindku |
| 05. | 8. | 21 | Sindku: Substation Lasco Discount Store | Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar is-servizz li jrid jgħaddi għas-substation ta' Lasco Discount Store minn Triq Bir id-Deheb, Triq l-Għadam u Triq President A. Buttiġieġ. | Sindku |
| 05. | 8. | 23 | Segretarjat: Sistema tal-payroll | **Il-Kunsill approva nem.con ix-xiri ta' sistema ta' payroll mingħand TechnoSoft Ltd għall prezz ta' Eur560 kif ukoll jidħol fuq kuntratt annwali ta' manutenzjoni ta' Eur100.** | Segretarjat |
| 05. | 8. | 24 | Segretarjat: Back-up System | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li ġabar 3 kwotazzjonijiet għal back up system mingħand Philip Toledo Ltd., Intercomp u Sirap. Sabiex tintagħżel l-aħjar offerta vantaġġjuża ser jittieħed parir minn persuna teknika. Deċiżjoni tittieħed aktar tard. | Segretarjat |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-08.45pm. Data meta ser issir laqgħa oħra titħabbar aktar tard.

| | |
|---|---|
| Joe Attard<br>Sindku | Anton Falzon<br>Segretarju Eżekuttiv |